# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 325/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ayrton D'Amato Quintano**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Ayrton D'Amato Quintano**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 218294(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-21 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 4.30pm, fi Triq l-Imgieret, Ħal Luqa u/jew f'dawn il-Gżejjer, waqt li kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Jaguar bin-numru tar-reġistrazzjoni GBN 951:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna il-mewt ta' Filomeno Bonavia mill-Mosta,

skont kif iċċertifika Dr. Christopher Mercieca (Reg. 2251) miċ-Ċentru tas-Saħħa Floriana;

2. fl-istess ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsara fuq vettura tal-għamla Mitsubishi, numru tar-reġistrazzjoni GAN 718 għad-detriment ta' Filomeno Bonavia mill-Mosta;

3. fl-istess ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsara fuq ħajt għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni oħra;

4. fl-istess data f'ħinijiet differenti fi Triq l-Imgieret, Ħal Luqa u/jew f'dawn il-gżejjer saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluża;

5. fl-istess ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi *speed* eċċessiv.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 225(1), 328(a)(d) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(a)(2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 127(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta:

- sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu sena priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal sentejn;

- *ai termini* ta' Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' Superviżjoni u ċioè li joqgħod u taħt superviżjoni ta' Uffiċjal Sorveljanti għal perjodu kollu tal-operat tas-sentenza sospiża u dan taħt il-kondizzjonijiet msemmija fl-Ordni annessa mas-sentenza;

- *ai termini* ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat iħallas multa ta' elfejn Euro (€2,000), liema multa kellha titħallas fi żmien tliet snin mid-data tas-sentenza;

- *ai termini* ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat l-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat għall-perjodu ta' sena minn dakinhar tas-sentenza;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat iħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-inkjesta;

- ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Uffiċju tal-*Probation* u *Parole* sabiex jiġi nominat kandidat idoneu sabiex jissorvelja lill-imputat b'dan illi l-Qorti tat ir-rakkomandazzjoni tagħha sabiex jiġi nominat l-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti li kien diġà ħa konjizzjoni tal-kawża u kien diġà ltaqa' mal-imputat u għamel *Social Inquiry Report* fil-konfront tiegħu;

- ordnat li kopja tas-sentenza tiġi mibgħuta lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiġbor l-ispejjeż tal-ħatra tal-esperti u l-multa nflitta fis-sentenza appellata.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-19 ta' Lulju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tirriforma** is-sentenza appellata billi: 1. **Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu; 2. **Tikkonfermaha** wkoll fil-parti tal-piena fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' €2,000, fejn skwalikiatu mil-liċenzja tas-sewqan għal sena, u fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż peritali; u 3. **Tħassarha u tirrevokaha** f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannatu sena (1) priġunerija sospiża għal sentejn (2), u minflok tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva, proporzjonali għall-gravita' tal-każ u l-konsegwenzi tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi fis-seduta msemmija din il-Qorti semgħet dak li kellu xi jgħid wieħed mill-konsulenti legali tal-appellat.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti teroga piena aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ u filwaqt li jitlob, fost l-oħrajn, li din il-Qorti tikkonferma l-multa ta' elfejn Euro (€2,000) li l-appellat ġie kkundannat iħallas, jitlob ukoll li din il-Qorti tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-istess appellat.

Illi l-fatti marbuta ma' dan il-każ huma relattivament sempliċi għalkemm traġiċi b'dana illi fil-21 ta' Settembru 2013 l-appellat iltaqa' ma' sieħbu fil-*petrol station* ta' Ħal Luqa. Wara li l-appellat spiċċa jaħsel il-vettura tal-għamla Jaguar bin-numru tar-reġistrazzjoni GBN 951 huwa telaq ma' sieħbu f'vetturi separati lejn id-djar rispettivi tagħhom. Fit-triq it-tnejn bdew iżidu l-veloċita' tal-vetturi rispettivi tagħhom sakemm laħqu veloċita' konsiderevoli. Jirriżulta li meta waslu fil-viċinanzi ta' San Vinċenz l-appellat qabeż lil sieħbu u ftit wara daħal fil-vettura tal-għamla Mitsubishi bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN 718 misjuqa minn Filomeno Bonavia. Minħabba l-veloċita' tal-vettura misjuqa mill-appellat, id-daqqa li ngħatat lill-vettura li fiha kien hemm Bonavia wasslet sabiex tinqaleb u l-istess Bonavia spiċċa b'numru ta' feriti f'rasu li wasslu għall-mewt tiegħu fuq il-post.

Illi mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-21 ta' Ġunju 2018 (*a fol.* 574) jirriżulta li l-appellat allura imputat irreġistra ammissjoni quddiem l-imsemmija Qorti u dana mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ċivili tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dana fir-rigward tas-sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż mill-Ewwel Qorti. L-appellant jilmenta li dan mhux każ ta' inċident sfortunat iżda dan huwa inċident ikkawżat bi qżież tal-appellat meta mar itellaq ma' sieħbu. Jgħid li d-deċiżjoni rigward il-piena erogata hija manifestament sproporzjonata minħabba li ġiet imtaffija wisq għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Jilmenta li l-appellat ma kkooperax mal-Prosekuzzjoni u fl-ebda ħin ma nforma lill-Pulizija li kien qed itellaq. Jgħid li kien biss wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni anonima u fittxet il-filmati minn *CCTV cameras* li skopriet li l-appellat kien qiegħed itellaq.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- l-imputazzjonijiet jirrisalu għall-21 ta' Settembru 2013 u l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti nżammet fil-5 ta' Marzu 2014;

- l-appellat irreġistra ammissjoni fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018;

- is-sentenza ngħatat mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Ġunju 2018;

- ir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ġie ppreżentat fid-19 ta' Lulju 2018;

- l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn fih beda jinstema' l-appell tal-appellant inżammet fid-29 ta' Ottubru 2018;

- minkejja li fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2018 din il-Qorti diversament preseduta ħalliet l-appell għas-sentenza għall-24 ta' Ġunju 2019, is-sentenza dwar l-appell baqgħet qatt ma ġiet mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta u dana minħabba diversi raġunijiet, fosthom li din il-Qorti diversament preseduta kellha bżonn aktar żmien biex tagħti s-sentenza tagħha u kif ukoll minħabba li l-imsemmija Qorti semgħet xi xhieda fuq talba tal-appellat;

- mindu l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023, kien diġà hemm seduta ffissata għas-26 ta' Jannar 2023 li ġiet imħollija sabiex din il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-atti proċesswali u dana minħabba n-numri kbir ta' appelli li ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta, b'dan illi fis-seduta ta' wara *ossia* dik tat-23 ta' Marzu 2023 din il-Qorti kif preseduta nfurmat lill-partijiet li ma kellhiex ċans biżżejjed sabiex tieħu konjizzjoni tal-atti proċesswali u b'hekk ħalliet l-appell għas-seduta tal-11 ta' Lulju 2023;

- fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023 din il-Qorti kif preseduta nfurmat lill-partijiet li kienet ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali u l-appell tħalla għas-sentenza;

- minkejja li permezz ta' Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2023 l-appellat talab li din il-Qorti kif preseduta tisma' żewġ xhieda, din it-talba ġiet miċħuda minħabba li ma rriżultalhiex raġuni valida sabiex tiġi milqugħa.

Illi dwar l-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali, din il-Qorti tikkunsidra s-segwenti:

- in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat, li ġew pruvati u li huwa nstab ħati tagħhom;

- il-konsegwenzi gravi tal-incident *de quo* (fejn safa' maqtul persuna innocenti);

- il-fedina penali tal-appellat li fiha hemm imputazzjonijiet relatati ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment;

- l-appellat kellu dsatax (19)-il sena meta seħħ l-akkadut u l-mewt ta' Filomeno Bonavia ser tibqa' ful-kuxjenza tiegħu sakemm imut u ta' dan irid jġorr il-piż tul ħajtu;

- fis-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 565 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti hemm imniżżel hekk (*a fol.* 567):

  > "F'din l-intervista Silvana [mart il-vitma] qalet li permezz ta' din is-sentenza tixtieq li l-Qorti tiopprovdi ġustizzja lill-familjari tal-vittma li sofrew telfa kbira f'ħajjithom."

- fl-istess *Social Inquiry Report* imsemmi hemm ukoll is-segwenti (*a fol.* 570 *tergo*):

> "Il-pjan ta' kura segwenti għandu jkun li Ayrton jibqa' attiv fid-dinja tax-xogħol u dan bil-għan li jkompli jgħix ħajja stabbli u strutturata filwaqt li jkompli javvanza f'ħajtu. Barra minn hekk, huwa għandu jkompli jassoċċja ruħu ma' nies li jistgħu jkomplu jipprovduh b'sapport minħabba t-trawma li għadda minnha.
>
> Finalment qed jiġi suġġeriet li Ayrton jibda jiġi segwit minn psikologu bil-għan li jieħu għajnuna professjonali f'dan il-qasam partikolarment minħabba n-natura tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu."

Illi apparti l-Avukat Ġenerali, din il-Qorti għandha fuq naħa waħda l-familjari tal-vittma li xejn mhu ser iġib lura lil Filomeno Bonavia u fuq in-naħa l-oħra għandha lill-appellat li safa' ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti tifhem li peress li l-pjan ta' kura li semma' l-Uffiċjal tal-*Probation* jinkludi li l-appellat jibqa' attiv fid-dinja tax-xogħol, li dan ma jkunx possibbli jekk tigi erogata piena ta' ħabs effettiv.

Illi din il-Qorti tinnota li Qrati oħra qalu s-segwenti:

- *"… il-pieni li kienu qed jingħataw f'ħafna każijiet t'omiċidju nvoluntarju kienu irreali u jagħtu wieħed x'jaħseb li l-ħajja ta' bniedem f'pajjiżna, hija rħisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi ħaġa serja"*. [**Il-Pulizija vs. Mark Galea** (Qorti tal-Appell Kriminali – 15 ta' Ottubru 1987)];

- *"Il-piena preskritta mil-liġi għar-reat in kwistjoni hija l-priġunerija li ma teċċedix l-erba' snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja għal perikolu daqstant ovvju, jindika l-piena ta' priġunerija u mhux ta' multa"*. [**Il-Pulizija vs. Joseph Busuttil et** (Qorti tal-Appell Kriminali – 26 ta' Novembru 1992)];

- *"Fuq inċidenti bħal dawn din il-Qorti kif preseduta ġja kellha opportunita' tesprimi ruħha preċedentement [Vide* ***Il-Pulizija vs. Giovanni Conte*** *deċiża 2 ta' Marzu 2000 u* ***Il-Pulizija vs. Antoine Cassar*** *kif konfermata fil-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Settembru 2009] fejn uriet il-preokkupazzjoni tagħha li paragunati ma' sentenzi f'każijiet simili li jingħataw f'pajjiżi ċivilizzati oħra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti".* [**Il-Pulizija vs. Gordon Micallef** (Qorti tal-Appell Kriminali – 11 ta' Jannar 1994)].

Illi din il-Qorti tinnota li f'ċerti ċirkostanzi l-ħajja umana ġiet kunsidrata bħala rħisa żżejjed. Mhux qed tgħid pero' li f'kull każ fejn hemm mewt involontarju bħala riżultat ta' inċident tat-traffiku li għandu tassattivament ikun hemm piena ta' priġunerija, għaliex kull każ ivarja minn ieħor. Kull każ għandu verament jiġi trattat fuq il-mertu li jistħoqqlu u kulħadd għandu jkun konxju li vettura, għalkemm hija primarjament mezz għall-użu ta' ħajja aħjar taċ-ċittadin, tista' wkoll tkun arma fatali f'idejn persuni li m'humiex responsabbli biżżejjed biex jadoperawha. Ma hemmx dubju li f'każ li l-appellat kien aktar responsabbli fis-sewqan tiegħu, li Filomeno Bonavia seta' ma tilifx ħajtu.

Illi fis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Awwissu 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Cauchi** (Numru 48/2004), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet hekk:

> "Illi f'dan il-kuntest, huwa għaqli analiżi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **R v. Boswell** [1984] 6 Cr. App R (s) 257, komposta minn ***Lord Lane CJ. Michael Davies*** u ***Kennedy JJ***. datata dsatax ta' Ġunju 1984 ***"The All England Law Reports"***, 1984, Vol. 3, pp. 353 – 361, fejn ġie ritenut, meta l-liġi Ngliża kienet għadha simili għal dik Maltija, li:
>
> [...]
>
> *Mitigating factors include:*

1. *The piece of reckless driving which might be described in the vernacular as a 'one off', a momentary reckless error of judgment [such as briefly dozing off at the wheel or failing to notice a pedestrian on a crossing];*

2. *A good driving record;*

3. *Good character;*

4. *A plea of guilty;*

5. *A show of genuine remorse or shock; and*

6. *Where the victim is a close friend or relative of the driver, the strong emotional effect of his death on the driver."*

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino** (Numru 243/2019), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar il-piena:

> "12. [...] Dan peress li l-ġustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:
>
> (a) Retributtiv;
> (b) Preventiv; u
> (ċ) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.
>
> 13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa' jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi tegħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

15. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża' li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biża' mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita' milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.

16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta'

trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li għandha ssir riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-1 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** (Numru 378/2010), fejn il-Qorti, f'ċirkostanzi simili għal dawk tal-kawża odjerna *stante* li ġiet maqtula persuna b'inċident stradali, kienet biddlet piena ta' sentejn priġunerija effettivi għal dik ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tliet snin. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Frar 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Ellul** (Numru 417/2010), fejn ukoll inqatlet persuna f'inċident stradali, il-Qorti msemmija tat piena ta' sentejn priġunerija li ġew sospiżi għal erba' snin. Il-Qorti kif preseduta hija konxja tal-fatt li f'sentenza mogħtija minnha stess fit-22 ta' Mejju 2023 fil-kawża fl-ismijiet **The Police vs. Michael Caruana Turner** (Numru 438/2018/2) hija kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienet tat piena ta' prigunerija effettiva lill-appellant f'dak il-każ, pero' f'dak il-każ l-appellant Caruana Turner kien instab ħati wkoll li kien qed isuq taħt l-influwenza ta' xorb, li m'huwiex il-każ fil-każ odjern.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Ludwig Micallef** hawn fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

"Il-ħames aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-piena erogata hija manifestament sproporzjonata. Hu argumenta illi sentejn priġunerija għal-involontarja kien wisq meħud in konsiderazzjoni ċirkostanzi ta' dan il-każ. Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt li piena erogata hija fil-parametri tal-Liġi, il-Qorti m'hijiex avversa għat-talba ta' l-appellant illi

din il-piena tiġi b'xi mod varjata. Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-ġurnata ta' l-inċident. Inċident sfortunat, fejn veru tilef ħajtu Clifford Micallef kawża ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan huwa aktar attribwit lejn l-inesperjenza taż-żgħożija milli għal xi tendenza tal-kriminalita' ta' l-appellant. L-appellant għandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Liġi, mhux il-każ li jintbagħat il-habs sabiex jirriforma ruħu. Ma jidhirx li hemm xi ħaġa x'jiġi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tiegħu ser ikunu rimors għalih li jrid jibqa' jgħix bih tul ħajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-ħabs ma jista jikkanċella dan il-fatt. F'każijiet ta' omiċidju involontarju l-Qrati tagħna kienu dejjem lesti jikkundannaw l-azzjoni imma meta tiġi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita' jew ma kinetx. F'dan il-każ il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien inċident sfortunat illi ħalla konsegwenzi traġici iżda biex issir ġustizzja l-Qorti ma jidhirlhiex illi għandha tmur għall-estremi tal-Liġi u tapplika l-piena ta' priġunerija effettiva."

Illi fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** (Numru 18/2002), il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

"il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarciment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi

> fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta' dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena."

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini kollha msemmija fid-*decide* tas-sentenza appellata jibdew għaddejjin mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**